# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI NRU. 2206

**Kaz Nru 2707/HW**

**Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**Clint Agius**

**u**

**JF Security and Consultancy Services Limted**

*dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta*

## Chairman : Is-Sur Harold Walls M.Sc., DPM, IPD(UK).

**Dan il-Kaz gie referut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' Dikjarazzjoni tar-rikorrent Clint Agius, pprezentata fir-Registru tal-Qorti fit-28 ta' Awissu, 2009. Meta t-Tribunal Industrijali beda jisma' il-Kaz inkwistjoni, dehru ir-rikorrent li kien assistit mis-Sur Nicholas Baldacchino, Segretarju tal-UHM u ghas-Socjeta ntimata deher l-Avukat Edward Gatt.**

**Fl'istqarrija tal-Kaz ir-rikorrent jghid, li beda l-impieg tieghu mal-Kumpanija JF Security and Consultancy Limited fl' 1 ta' Novembru 2006, fejn gie mpjegat fuq kuntratt defenit ghal perjodu ta' hames snin, sabiex jaghti servizz ta' sigurta gewwa l-Airport Internazzjonali ta' Malta.**

**Huwa jghid wkoll, li l-perjodu kollu li kien impjegat mal-Kumpanija qatt ma nghata l-ebda twissija u wisq aktar ma gie mwiddeb mill-Kumpanija dwar il-livell**

**ta' servizz li kien qed jaghti jew li kien qieghed jonqos mid-dmirijiet tieghu. Fl'istqarrija tieghu huwa jghid ukoll, li nhar it-22 ta' Gunju 2009, gie tterminat l-impieg tieghu fuq bazi ta' dixxiplina, liema ragunijiet ghat-tkeccija ma kienux sostanzjati b'dokumenti jew twissijiet ufficjali u ghalhekk wisq aktar validi skond il-ligi. Huwa jghid ukoll, li minbarra dan ma giex moghti spjegazzjonijiet ghaliex kienet qed issir it-tkeccija u ma giex pprezentat bl'ebda sottomissjoni bil-miktub dwar in-nuqqasijiet tieghu bhala ufficjal tas-sigurta gewwa l-Airport Internazzjonali ta' Malta, minkejja li din giet mitluba mir-rapprezentat tieghu. Fl'istqarrija tieghu huwa jkompli jghid, li l-unika raguni li giet moghtija mill-Kumpanija kienet wahda, li l-klijient kien qed jitlob li l-appellant ma jibqax jaghti s-servizz tieghu gewwa l-Airport u ghalhekk il-Kumpanija JF Security and Consultancy Services Limited, ma kellha l-ebda triq ohra hlief li jitterminaw l-impieg tieghu.**

**Huwa jghalaq l-istqarrija tieghu billi jitlob lit-Tribunal Industrijali jiddikjara, li t-tkeccija mill-impieg tieghu hija nulla u bla effet u dan ghaliex it-terminazzjoni ta' l'impieg saret minghajr raguni gusta u sufficjenti skond il-ligi.**

**Ghas-Socjeta ntimata da parti taghha qalet, li r-rikorrent kien ilu mpjegat maghha mill-1 ta' Novembru, 2006 fuq kuntratt defenit u gie assenjat mal-Malta International Airport bhala Aviation Security Officer. Is-Socjeta tghid ukoll, li fit-22 ta' Gunju 2009, il-Head of Security Services tal-Malta International Airport informa lill Kumpanija JF Security and Consultancy Services Limited, illi l-attitudni u l-komportament tar-rikorrent fuq il-post tax-xoghol ma kienux kompatibbli mal-mod kif joperaw il-Malta International Airport. Hija tghid ukoll, li wara diversi twissijiet li saru lir-rikorrent mill-Head of Security Services tal-Malta International Airport, talbet lil JF Security and Consultancy Services Limted biex tibghatila Aviation Security officer iehor minflok Agius, ghax taht l-ebda cirkostanza ma setghet tittolerah.**

**Is-Socjeta tghid ukoll, li huwa mportanti li jinghad li r-rikorrent kien gie mpjegat esklussivament biex jahdem bhala Aviation Security Officer mal-Malta International Airport. Hija tghid ukoll, li dan inghata t-tahrig specifiku mill-Malta International Airport, biex ikun jista jahdem fil-Malta International Airport.**

**Is-Socjeta tghid ukoll, li l-Kumpanija JF Security and Consultancy Services Limited zammet laqgha fil-25 ta' Gunju, 2009 biex taghti cans lir-rikorrent iressaq il-Kaz tieghu u dan kien assistit mis-Segretarju tat-Taqsima Manifattura, IT u Settur Privat tal-UHM, izda kull ma ghamel f'din il-laqgha kien li r-rikorrent innega l-akkuzi u ma ressaq l-ebda mpjegat jew evidenza konvincenti u kredibbli. Is-Socjeta tghid ukoll, li wara li semghat iz-zewg verzjonijiet iddecidiet illi tittermina l-impieg tar-rikorrent.**

**Mill-provi jirrizulta, li r-rikorrent kien gie mpjegat mis-Socjeta b'effett mill-1 ta' Novembru, 2006 fuq kuntratt defenit ta' hames snin biex jghamel xoghol ta' Aviation Security Officer, fl'Airport Internazzjonali ta' Malta mal-Malta International Airport.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li matul l'impieg tieghu ghalkemm il-Head of Securities Services tal-Malta International Airport jghid, li kien widdeb diversi drabi lir-rikorrent fuq il-komportament tieghu waqt il-qaghdi ta' dmirijiethu, izda mill-provi ma jirrizultax li dawn it-twissijiet gew moghtija lir-rikorrent.**

**Mill-provi quddiem it-Tribunal Industrijali jirrizulta wkoll, li l-impieg tar-rikorrent gie tterminat mis-Socjeta ntimata fit-22 ta' Gunju, 2009 wara li rceviet korrispondenza minghand il-Head of Securities Services tal-Malta International Airport li ma riedux aktar lir-rikorrent jahdem fil-Malta International Airport peress, li l-attitudni u l-komportament tieghu ma kienux kompatabbli ma l-istandards tal-Malta International Airport.**

**Mill-provi quddiem it-Tribunal Industrijali jirrizulta, li lir-rikorrent ma giex moghti akkuzi specifici ta' l-allegat nuqqasijiet tieghu waqt il-qaghdi ta' dmirijiethu, izda sempliciment li kellu nuqqasijiet, li b'rizultat ta' dan il-Head of Security tal-Malta International Airport, ma riedux aktar jahdem fuq il-premises tal-Malta International Airport.**

**Mill-provi quddiem it-Tribunal Industrijali jirrizulta, li fix-xhieda tieghu is-Sur Stephen Brincat li jokkupa l-grad ta' Senior Security Officer mal-Malta International Airport u li kien responsabbli mir-rikorrent fix-xhieda tieghu jghid, li r-rikorrent qatt ma gie moghti twissijiet la bil-miktub u lanqas verbalment, kif ukoll li qatt ma kellu problemi mieghu. Is-Sur Brincat jixhed ukoll, li wara li gie tterminat l-impieg tar-rikorrent, huwa gie avvicinat mill-Head of Security tal-Malta International Airport is-Sur Mario Cuomo, biex jghamillu rapport ta' dixxiplina fuq Clint Agius. Is-Sur Brincat jixhed quddiem it-Tribunal Industrijali, li minkejja li s-Sur Cuomo jigi ssuperjur tieghu, ma accettax li jghamel rapport negattiv fuq ir-rikorrent ghar-raguni, li ma kien hemm l-ebda kaz ghalfejn jghamel rapport ta' din ix-xorta.**

**It-Tribunal Industrijali jikkunsidra diversi aspetti ta' dan il-kaz u jibda biex jikkunsidra r-raguni tat-terminazzjoni ta' l-impieg tar-rikorrent. Mill-provi quddiem it-Tribunal Industrijali jirrizulta, li r-raguni tat-terminazzjoni ta' l-impieg tar-rikorrent kienet, li l-Management tal-Malta International Airport ma riedtx aktar is-servizzi tar-rikorrent ghar-raguni li jghid, li l-komportament tieghu ma kienx addattat ma l-istandards tal-Malta International Airport, pero fl'ebda stadju ma jirrizultalu t-Tribunal Industrijali li r-rikorrent gie nfurmat x'kienu n-nuqqasijiet tieghu biex ikun jista jiddefendi l-kaz tieghu. Aktar minn dan, it-Tribunal Industrijali jikkunsidra x-xhieda tas-Senior Security Officer, is-sur Stephen Brincat li hu mpjegat tal-Malta International Airport, fejn quddiem it-Tribunal Industrijali jixhed bil-guramemt, li gie avvicinat mill-Head tieghu biex jghamel rapport falz fuq ir-rikorrent.**

**Wara li t-Tribunal Industrijali kkunsidra l'istatments of Case tal-partijiet, semgha u evalwa l-evidenza tax-xhieda prodotti, ra u kkunsidra d-dokumenti esebiti u pprezentati, ra u kkunsidra s-sottomissjonijiet finali u dawk addizjonali tal-partijiet jiddeciedi, li ma kienx hemm lok ta kaz ta' dixxiplina fil-konfront tar-rikorrent u ghaldaqstant it-terminazzjoni ta' l-impieg saret ingusta u bi ksur tal-ligi. Ghaldaqstant, it-Tribunal Industrijali jiddeciedi wkoll, li s-Socjeta ghanda thallas lir-rikorrent il-kumplament tal-kuntratt skond kif jipprovdi L-Att ta' 2002 dwar L-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali Taqsima 5, Temm ta' Kuntratt ta' Servizz, klawsola 36 (11) li tghid "Principal li jibghat 'l barra impjegat qabel ma jaghlaq iz-zmien specifikat f'kuntratt ta' servizz, ikollu jhallas lill-impjegat nofs il-paga kollha li kienet tkun tmiss lill-impjegat dwar il-bqija taz-zmien espressament miftiehem"**

**Dan it-Tribunal Industrijali jiddeciedi ukoll, li dan il-hlas ghandu jsir bir-rata ta' paga kif kienet fl'2009 u liema hlas ghandu jsir fi zmien xahar mid-data ta' din id-decizjoni.**

**Minhabba differementi mill-partijiet u nuqqas ta' facilitajiet ma kienx possibbli li dan il-kaz jigi deciz fiz-zmien stabbilit mill-ligi.**

**Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali 48 ta' 1986 jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' €94 (erbgha u disghajn ewro).**

**B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.**

**Iffirmat :Harold Walls**
**Chairman**

**Vera kopja**

**Mary Rose Galea**

**Ghas-Segretarju**

**Data : 21 ta' Frar, 2013**